MALTA

# QORTI TAL-APPELL
**(Sede Inferjuri)**

## ONOR. IMĦALLEF LAWRENCE MINTOFF

Seduta tas-26 ta' Lulju, 2023

Appell Inferjuri Numru 36/2022 LM

**Philip Wismayer (K.I. nru. 660245(M)) u Joe Fenech**
*('ir-ritrattandi')*

***vs.***

**L-Awtorità tal-Ippjanar**
*('ir-ritrattata')*

**Il-Qorti,**

**<u>Preliminari</u>**

1. Dan huwa rikors ta' ritrattazzjoni magħmul mill-appellanti **Philip Wismayer (K.I. nru. 660245(M))** u **Joe Fenech** [minn issa 'l quddiem 'ir-ritrattandi'] wara s-sentenza tal-appell ta' din il-Qorti, kif diversament ippreseduta, mogħtija fis-7 ta' Diċembru, 2022, [minn issa 'l quddiem 'is-sentenza tal-appell'], li permezz tagħha ddeċidiet billi ċaħdet l-appell tagħhom

fil-konfront tal-appellata **l-Awtorità tal-Ippjanar** [minn issa 'l quddiem 'l-Awtorità ritrattata'], filwaqt li kkonfermat d-deċiżjoni tat-Tribunal ta' Reviżjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar tad-19 ta' Mejju, 2022, [minn issa 'l quddiem 'it-Tribunal' u 'id-deċiżjoni tat-Tribunal' rispettivament], bl-ispejjeż kontrihom.

**<u>Fatti</u>**

2. Il-fatti ta' dawn il-proċeduri jirrigwardaw id-deċiżjoni tal-Awtorità ritrattata sabiex tinħareġ ordni għall-iskedar ta' porzjoni art *ai termini* tal-artikolu 81 tal-Kap. 504, fi Grad 2 u 3 ta' protezzjoni għall-importanza ekoloġika fil-lokalità magħrufa bħala Wied tal-Balluta limiti ta' San Ġiljan, fejn ir-ritrattandi għandhom żewġ porzjonijiet ta' art li jappartjenu lilhom. Huma allegatament ma kienux jafu bid-deċiżjoni sakemm deher avviż fil-Gazzetta tal-Gvern fil-4 ta' Novembru, 2011 skont in-Notifika tal-Gvern numru 1018/11. Ir-ritrattandi kienu appellaw minn din id-deċiżjoni quddiem it-Tribunal, li permezz tad-deċiżjoni tiegħu tad-19 ta' Mejju, 2022 ċaħad l-appell tagħhom.

**<u>Mertu</u>**

3. Ir-ritrattandi ntavolaw proċeduri tal-appell mid-deċiżjoni tat-Tribunal quddiem din il-Qorti, kif diversament ippreseduta, permezz tal-preżentata ta' rikors fit-8 ta' Ġunju, 2022 fejn talbu sabiex tiġi revokata d-deċiżjoni tat-Tribunal, bl-ispejjeż kollha kontra l-Awtorità ritrattata.

4. L-Awtorità ritrattata wieġbet fis-27 ta' Settembru, 2022 fejn issottomettiet li d-deċiżjoni tat-Tribunal hija waħda korretta u għandha tiġi

kkonfermata, u dan filwaqt li kkontendiet li l-appell kien wieħed infondat fil-fatt u fid-dritt.

## **Is-Sentenza tal-Appell**

5. Din il-Qorti, kif diversament ippreseduta, waslet għas-sentenza tal-appell wara li għamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet rilevanti għal dawn il-proċeduri:

*"**Ikkunsidrat***

*L-aggravji tal-appellant huma s-segwenti:*

*1. It-Tribunal ma trattax il-punti legali tal-appell konnessi mal-artikolu 81(1) tal-Kap. 504 u n-*National Heritage Structural Policies *RCO 10(9), 12 u 15 fejn il-wied ma għandux ikun skedat kollu tenut kont tal-inħawi urbanizzati ġia eżistenti. Di più kellu jittieħed kont tal-istat mitluq li għandu jenfasizza l-ħtieġa ta' żvilupp sensittiv li jilħaq il-għan tal-*policies *rilevanti. It-Tribunal injora l-fatt li l-appellanti talbu t-tneħħija tal-iskedar minn żewġ prozjonijiet ta' art speċifiċi li ma kienux inklużi fil-proposti oriġinali u ma jikkwalifikawx għal ħarsien. It-Tribunal żbalja meta qies il-provi tal-appellanti bħala suppożizzjonijiet u mhux provi tekniċi kif ukoll injora l-kontroeżamijiet tax-xhieda tal-Awtorità;*

*Ħarsa lejn l-aggravji jew aħjar argumenti tal-appell il-Qorti tħoss li dan l-appell mhux dwar punt ta' liġi iżda dwar l-apprezzament tat-Tribunal tal-fatti u provi tekniċi u xjentifiċi u l-konsiderazzjonijiet u konklużjonijiet raġġunti minnu. Madankollu anki bħala aggravji per se l-appellanti ma għandhomx raġun.*

*Jibda biex jingħad illi mhux minnu li t-Tribunal ma qies il-provi tal-appellanti senjatament dawk tekniċi u għamel il-konsiderazzjonijiet tiegħu dwarhom. Fl-ewwel aggravju quddiemu t-Tribunal ikkonsidra speċifikament dawn il-kwistjonijiet u dan b'referenza partikolari għal dawk il-porzjonijiet li l-appellanti saħqu ma jimmeritawx protezzjoni. It-Tribunal qies infatti li f'waħda mill-porzjonijiet art ġie identifikat serp li jimmerita li l-art għandha tiġi skedata. Di più t-Tribunal għamel osservazzjoni li ż-żoni identifikati mill-appellanti ma kellhomx jittieħdu in iżolament iżda fl-intier tas-sistema tal-wied li tinkludi x-xtut u l-'*valley sides'*. It-Tribunal qies li l-objettiv fundamentali ta' dan it-tip ta' skedar huwa biex jiġi protett il-wirt naturali fil-valur*

> *intrinsiku tiegħu li jevita tixrid ta'* 'urban development' *fiż-żona protetta fis-sens wiesa' tiegħu. Altru milli t-Tribunal ma fehmx il-kontestazzjoni u mertu tal-appell.*
>
> *Mhux minnu lanqas li t-Tribunal injora r-rapporti teknici tal-appellanti. Il-fatt li t-Tribunal ma qies aktar konvinċenti l-argumenti tal-istess esperti komparati ma' dawk tal-Awtorità ma jfissirx li injorahom. Ifisser biss li ma qabilx magħhom. B'żieda ma' dan, il-fatt li ma jissemmix fid-deċiżjoni xi xhieda fl-atti u s-sottomissjonijiet tal-avukat tal-paritjiet ma jfissirx li ġew injorati la darba l-mertu tal-appell ġie mixtarr u ingħatat risposta kunsidrata għall-aggravji. Id-deċiżjoni hi ben motivata b'referenza għal* policies *rilevanti u l-Qorti ma għandhiex tiddisturba tali deċiżjoni meta l-aggravji ma jmerux legalment is-sostanza tad-deċiżjoni."*

## Ir-Rikors

6. Permezz tar-rikors tagħhom ippreżentat fis-6 ta' Marzu, 2023, ir-ritrattandi qed jikkontendu li s-sentenza tal-appell u d-deċiżjoni tat-Tribunal fihom diversi nuqqasijiet li jagħtu lok għar-ritrattazzjoni tal-proċeduri, u għalhekk huma jgħidu li qegħdin jipprevalixxi ruħhom mid-disposizzjonijiet tal-para. (e) tal-artikolu 811 tal-Kap. 12.

7. L-Awtorità ritrattata wieġbet fis-27 ta' Marzu, 2023 fejn tissottometti li l-Qorti għandha tiċħad it-talba tiegħu għaliex din ma tinkwadrax fil-parametri stabbiliti permezz tal-para. (e) tal-artikolu 811 tal-Kap. 12, u fi kwalunkwe każ hija m'għandhiex tbati l-ispejjeż tal-proċedura odjerna.

## Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti

8. Din il-Qorti ser tgħaddi sabiex tikkunsidra qabel xejn, kif sewwa tirrileva l-Awtorità ritrattata, jekk tassew jeżistix lok għal ritrattazzjoni skont il-para. (e) tal-artikolu 811 tal-Kap. 12, li jikkontempla din il-proċedura straordinarja fl-

eventwalità li l-Qorti tkun applikat il-liġi ħażin fis-sentenza tagħha. Iżda l-istess para. (e) jipprovdi wkoll li:

> "...
> għall-finijiet ta' dan il-paragrafu, jitqies li kien hemm applikazzjoni ħażina tal-liġi, fil-każ biss li d-deċiżjoni, meta l-fatt kien tassew kif stabbilit fis-sentenza attakkata, ma tkunx skont il-liġi, basta li l-kwistjoni ma tkunx dwar interpretazzjoni ta' liġi, li fuqha l-qorti tkun espressament tat deċiżjoni;",

filwaqt li l-artikolu 816 tal-istess Kap. 12 jipprovdi wkoll li:

> "...meta r-raġuni hija l-applikazzjoni ħażina tal-liġi, l-attur għandu jsemmi l-liġi li kien imissha ġiet applikata."

9. L-Awtorità ritrattata, filwaqt li tikkontendi li mhuwiex ċar liema huma s-sottomissjonijiet tar-ritrattandi fir-rikors tagħhom li jolqtu d-deċiżjoni tat-Tribunal u dawk li huma diretti lejn is-sentenza tal-appell, tirrileva li l-Qorti tal-Appell ċaħdet l-appell tar-ritrattandi stante li dan ma kienx jirrigwarda punt ta' liġi skont kif jitlob is-subartikolu 50(1) tal-Kap. 551. Issostni li dik il-Qorti m'applikat l-ebda liġi ħażina, jiġifieri m'applikat l-ebda liġi flok oħra. Tirrileva li d-dispożizzjonijiet tal-para. (e) tal-artikolu 811 tal-Kap. 12 dejjem ġew interpretati strettament, u hawnhekk hija tiċċita dak li jgħid l-awtur Taljan Bolsari dwar dak li tfisser applikazzjoni ħażina tal-liġi. Hija tiċċta wkoll dak li qalu l-Qrati Tagħna fir-rigward, u tistaqsi liema hawnhekk hija l-liġi li skont ir-ritrattandi l-Qorti kellha tapplika, iżda minflokha ġiet applikata oħra. L-Awtorità ritrattata tinsisti li s-sentenza tal-appell hija limitata għal deċiżjoni taħt is-subartikolu 50(1) tal-kap. 551 li ma jħaddan l-ebda applikazzjoni ħażina tal-liġi, iżda fejn saħansitra tgħid li l-Qorti tal-Appell applikat tajjeb il-liġi billi ċaħdet l-appell tar-ritrattandi. Tgħid li jekk imbagħad ir-ritrattandi mhumiex qegħdin

jaqblu mas-sentenza tal-appell, dan ma jagħtix dritt għal ritrattazzjoni, u wisq inqas skont il-para. (e) tal-artikolu 811 tal-Kap. 12.

10. Il-Qorti tibda billi tirrileva li l-Qorti tal-Appell iddikjarat li l-appell intavolat mir-ritrattandi *"mhux dwar punt ta' liġi izda dwar l-apprezzament tat-Tribunal tal-fatti u provi teknici u xjentifiċi u l-konsiderazzjonijiet u konklużjonijiet raġġunti minnu",* u għalhekk mill-ewwel tista' tgħid li l-ilment tar-ritrattandi bilkemm jista' jiġi kkunsidrat li jittratta applikazzjoni ħażina tal-liġi minn dik il-Qorti.

11. Iżda l-Qorti mhijiex ser tieqaf hawn, u ser tgħaddi sabiex tikkunsidra jekk tassew is-sottomissjonijiet tar-ritrattandi jinkwadrawx fil-parametri stabbiliti mill-para. (e) tal-artikolu 811 tal-Kap. 12. Tikkunsidra li dak li qalet il-Qorti tal-Appell (Superjuri) fis-sentenza ċitata mir-ritrattandi stess[1], huwa tassew applikabbli għall-każ odjern. Madankollu ma jidhirx li r-ritrattandi fehmu li huma mhux biss preklużi milli jitolbu eżami tal-fatti kif interpretati, iżda wkoll li huma ma jistgħux iserrħu l-ilment tagħhom fuq allegata interpretazzjoni ħażina tal-liġi kif effettivament qegħdin jagħmlu. Il-Qorti mhijiex qegħda tonqos milli tosserva li fir-rikors tagħhom ir-ritrattandi qegħdin jinsistu li l-Qorti tal-Appell *"...ma applikat l-ebda liġi li suppost kellha tistrieħ fuqha sabiex tasal għad-deċiżjoni tagħha...",* iżda lanqas tista' ma tikkunsidrax dak li qalu fir-rikors tal-appell tagħhom quddiem dik il-Qorti, fejn issottomettew li *"...l-istess Tribunal injora li ...2. Dawn iż-żewġ porzjonijiet ma jikkwalifikawx għal ħarsien ai termini tal-iStructural Policies RCO 10, RCO12 u RCO15".* Minn hawn jirriżulta li bla dubju ta' xejn, l-ilment tar-ritrattandi kien u għadu l-istess, jiġifieri li l-porzjonijiet ta'

[1] Reginald Micallef et noe. *vs.* Godwin Abela et noe., 03.06.1994.

art li tagħhom huma s-sidien, m'għandhomx jitqiesu li jikkwalifikaw għal ħarsien taħt dawn l-imsemmija *Policies.* Għalhekk, għalkemm fil-bidu tas-sottomissjonijiet tagħhom fir-rikors ippreżentat quddiem din il-Qorti, huma jisħqu li l-Qorti tal-Appell m'applikat l-ebda liġi, is-sottomissjonijiet tar-ritrattandi li jsegwu jittrattaw biss il-kwistjoni dwar għaliex il-porzjonijiet ta' art in kwistjoni m'għandhomx jiġu skedati flimkien mal-kumplament taż-żona f'Wied il-Balluta b'riferiment għad-diversi fatti riżultanti.

12. Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti tqis li ma tistax takkolji t-talba tar-ritrattandi.

**<u>Decide</u>**

**Għar-raġunijiet premessi l-Qorti tiddeċiedi dwar ir-rikors tar-ritrattandi billi tiċħdu, bl-ispejjeż kontrihom.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**